MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 1253/2002/1

**Avviz Numru 1253/02 AJD**
**Mediterranean Aviation Company Limited**

**vs**

**L-Avukat Dottor Leslie Cuschieri li b'digriet tat-12 ta' Awissu 2002 gie nominat kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-assenti Francesco Forteza Mauri**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta' Mejju 2002 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u weihed u tmenin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm581.80) rapprezentanti l-ekwivalenti f''liri Maltin tas-somma ta' USD$ 1305.21 bir-rata tal-kambju viegenti fid-data tal-prezenata tal-Avvviz u rigwardanti bilanc minn nofs is-salaru dovut ghaz-zmien rimanenti tal-impjieg definittiv tal-

1 ta'' Mejju 2001 (Dok. A), li kellu jintemmm fit-30 ta' April 2002, li pero' l-konvenut temm unilateralment qabel l-imsemmija data u cioe' fis-7 ta' April 2002 u rapprezentanti wkoll il-valur ta' 'David Clarke Headset" (USD/4283.95) li ma giex ritornat, kif ukoll il-valur ta' lbies (USD$293.68) fornit mis-socjeta' attrici u mhux ritornat u prezz ta' biljett tal-ajru bir-ritorn imhallas mis-socjeta' attrici( USD$232.23).
Bl-imghax mis-7 ta' April 2002 u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru prezentat kontestwalment u tal-procedura tal-Bandu ghhal Kuraturi kontra l-konvenut.

Ra r-Risposta prezentata mill-kuratur deputat l-Avukat Dottor Leslie Cuschieri li b'digriet tat-12 ta' Awissu 2002 gie nominat sabiex jirrapprezenta lill-assenti Francesco Forteza Mauri fejn huwa eccepixxa li ma kienx edott mill-fatti tal-kaz u li ma kellux kuntatt mal-konvenut. Huwa ghalhekk irriserva li jeccepixxi ulterjorment kemm il-darba jikkomunika mar-rapprezentat.

Ra r-Risposta ulterjuri prezentata mill-Kuratur Deputat wara li rnexxielu jikkomunika mal-konvenut ( a fol. 46-47) fejn gie eccepit li s-socjeta' attrici kienet kisret il-kundizzjonijiet tal-kuntratt ta' impjieg fis-sens li kienet gaghlitu jahdem numru ta' sieghat aktar milli miftiehem tant li huwa ghamel aktar xoghol milli kiren jaghmel kieku baqa' jahdem sal-ahhar jum, ma kienx qed jithallas ta' spejjes li kien qed jinkorri li suppost kellu jigi rimborsat, li l-uniformi u l-kappell keinu antiki u kienu waslu biex jiigu sostitwiti.. Is-socjeta' attrici naqset milli tahallsu 'allowances' dovuti lilu.

Sema' x-xhieda ta' Mario Magro. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-konvenut kien gie impjegat mas-socjeta' attrici bhala 'First Officeer' permezz ta' kuntratt ta' impjieg definit datat 1 ta' Mejju 2001 u dan ghal perijodu ta' sena, u cioe' sat-

30 ta' April 2002. Mario Magro li jokkupa l-kariga ta' Assistant Accounts Manager mas-socjeta' attrici xehed li l-konvenut kellu jidhol lura ghax-xoghol fit-8 ta' April 2002 wara 'field break' izda huwa naqas milli jaghmel dan u fil-fatt huwa qatt ma rritorna lura ghax-xoghol sad-data tal-iskadenza tal-kuntratt,, u cioe' sat-30 ta' April 2002. Is-socjeta' attrici qeda' ghalhekk titlob il-hlas ta' nofs 23 gurnata paga u dan ai termini tal-klawzola 13)2) tal-kuntratt tal-impjieg liema klawzola tipprovdi s-segwenti:- *"In the event taht the employee terminates this contract of service prior to its expiration or gives the company good and sufficient reason to terminate his employment or abandon the service of the employer, before thee xpiration of the periiod sppecified in Article 1 hereof, the Emplyee shall be bound to pay the Employer a sum equal to one half of the full remuneration to whichhe would have become entitled if he had continued in the service of the Employer for the remainder of such period. Such sum shall be payable immediately upon a simple demand in writing". Is-socjeta' attriici qed titlob ukoll li l-konvenut jigi kkundannat ihallashaa lura l-valur ta'' uniformijiet li hija provdietlu, ta' David Clarke Headset li huwa baqa'ma rritornax lura u dan ai termini tal-klawzola 14 tal-kuntratt li jipprovdi li " Upon termination ofthis Agreement, for whatever cause, the Employee shall return to the Employer all documents/uniforms, and any other articles whatsoever which are the properrty of the Employer and which may be in the Employee's possession".* Is-socjeta' attrici qed titlob ukoll ir-rifuzjoni tal-valur ta' biljett tal-ajru bir-ritorn li hija hallset ghall-konvenut u li ma giex utilizzat minnu stante li huwa ma rritornax lura ghax-xoghol.

Illi l-konvenut isostni li huwa effettivament mma tterminax il-kuntratt tal-impjieg stante li kien hadem oltre l-mija u tmenin siegha ta' xoghol previsti fil-kuntratt u ghalhekk ma kienx tenut li jirritorna lura mill-'field break" fit-8 ta' April 2002. Irid jiigi rilevat li l-konvenut naqas milli jressaq provi dwar dawn is-seighat zejda li qed jallega li hadem. Huwa jghid ukoll li l-ilbies fornit lilu u d-David Clarke Headset kienu antiki u waslu biex jinbidlu u li s-socjeta' attrici qed titlob li tithallas il-prezz ta' dawn l-oggetti bhala godda. Apparti lil-anqas f'dan ir-r-igward il-konvenut ma ressaq

ebda prova dwar dak allegat minnu u cioe' dwar il-kundizzjoni ta' dawn l-oggetti, mid-dokumenti esebiti a fol.. 56 et seq. jirrizulta li s-socjeta' attrici fil-fatt m'hijiex qed titlob il-prezz ta' dawn l-oggetti bhala godda. Is-socjeta'' attrici permezz ta' dawn id-dokumenti rnexxielha tipprova li dawn l-oggetti kienu fil-pussess tal-konvenut u huwa fil-fatt jammetti fir-Risposta ulterjuri li qatt ma rritornhom lura kif kien obbligat jaghmel ai termini tal-klawzola 14 tal-kuntratt aktar il-fuq citata u ghalhekk isegwi li s-socjeta'a ttrici hija ntitolata li titlob ir-rifuzjoni tal-valur tal-imsemmija oggetti. Dan japplika anki fir-rigward tal-biljett tal-ajru bir-ritorn stante li rrizulta li l-konvenut ma rritornax lura ghax-xoghol kif kien tenut li jaghmel u ghalhekkk dan il-biljett inxtara inutilment mis-socjeta' attrici.

Illi l-konvenut jsostni wkoll li hemmm lok ghal tpacija ma xi ammonti dovuti lilu in kwantu jirrigwarda spejjes inkorsi inutilment ghal hrug ta' Visas u ghal 'allowances' dovuti lilu skond il-kuntratt li fil-fatt ma thallsux kif suppost. In kwantu jirrigwarda l-ispejjes inkorsi ghall-hrug ta' Visas, il-konvenut naqas milli jressaq provi sodisfacenti fir-igward fis-sens li ma gewx esebiti l-ircevuti relattivi. Fir-rigward tal-'allowance'' ta' USD30 kuljum li skond il-kuntratt kellha tithallas lilu ghal kull gurnata li kien jahdem il-Libya, Mario Magro jammetti li mill-file relattiv ghall-konvenut jirrizultalu li effettivament il-konvenut kien qed jithallas parti minn dan l-'allowance' f'dinari Libyani minflok f'dollari Amerikani, kif jallega l-konvenut, izda l-istess konvenut annki f'dan il-kaz naqas li jressaq provi ntizi sabiex jindikaw il-valur preciz tal-'allowances' li ma thallsux lilu.

Illi t-Tribunal jidhirlu li t-talbiet attrici jirrizultaw soddisfacentement pruvati.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u weihed u tmenin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm581.80), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza, nkluzi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru prezentat kontestwalment mal-Avviz u dawk relattivi ghall-hrug tal-Bandu ghall-Kuraturi, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------